**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2011**

**IR-RABA' SENA IR-RELIĠJON IL-ĦIN: Siegħa u kwart**

**L-isem u l-kunjom: __________________ Il-klassi: ___________**

## Taqsima 1

**Daħħal il-kelma t-tajba mil-lista li hemm fil-kaxxa t'isfel.**

***L-ewwel waħda hija eżempju.***

F'Għid il-Ħamsin, **ħamsin** jum wara li Ġesù qam mill-mewt, twieldet il-____________________. L-appostli kienu miġburin flimkien f'___________________ kbira jitolbu. Magħhom kien hemm ukoll __________________. F'daqqa waħda semgħu bħal __________________ qawwi li mela l-kamra fejn kienu __________________. Raw ukoll bħal dawl qisu __________________ li qagħad fuq kull wieħed minnhom. Mar-riħ u d-dawl indunaw li kien nieżel fuqhom l-___________________ li kien wegħedhom ___________________. L-appostli u d-dixxipli bħal ħassewhom mibdulin. L-Ispirtu s-Santu tahom ___________________ ġdida. Il-Knisja bdiet taħdem bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. L-appostli bdew jiftakru u jifhmu aħjar dak li ___________________ Ġesù.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Ġesù** | **għallimhom** | **~~ħamsin~~** | **kamra** | **jitolbu** | **Marija** |
| **Knisja** | **ħajja** | **nar** | **riħ** | **Ispirtu** | |

(***10 marki***)



## Taqsima 2

**Qabbel ma' xulxin dawn is-sentenzi billi tpoġġi n-numru t-tajjeb fil-kolonna tan-nofs.**

***L-ewwel waħda hija eżempju.***

| | | |
|---|---|---|
| 1. Fil-qrar | | dejjem iħobbu lill-morda u lill-fqar. |
| 2. Alla jridna nħobbu u nirrispettaw | | biex imexxu l-Knisja tiegħu. |
| 3. Ġesù għażel tnax-il appostlu | | għax Hu ta ħajtu għalina. |
| 4. Kull fejn inkunu għandna nġibu ruħna | | lill-ġenituri u lil min jieħu ħsiebna. |
| 5. Bħal Ġesù f'ħajtu, l-Insara baqgħu | **1** | nerġgħu nsiru ħbieb ta' Ġesù. |
| 6. Biex inkunu Nsara tajbin | | "Ħares il-Ħdud u l-Festi Kmandati." |
| 7. Ġesu hu r-Ragħaj it-tajjeb | | sal-aħħar tad-dinja. |
| 8. L-aktar ħaġa importanti li nagħmlu nhar ta' Ħadd hija | | aħna nitkellmu ma' Alla li jħobbna u jieħu ħsiebna. |
| 9. Fit-talb | | bħala l-familja t'Alla. |
| 10. It-tielet kmandament huwa | | irridu nobdu lill-Knisja u lill-Isqfijiet tagħna. |
| 11. L-Ispirtu s-Santu se jdum jieħu ħsieb il-Knisja | | li nieħdu sehem fil-quddiesa bħala l-familja ta' Alla. |

**(*10 marki*)**

## Taqsima 3

**Agħmel sinjal taħt il-kelma t-tajba.**

***Eżempju*** : San Stiefnu kien l-ewwel (Papa, martri, profeta).

1. Bil-(Griżma, Qrar, Magħmudija) aħna nidħlu fil-familja t'Alla.

2. Il-(katakombi, kappelli, knejjes) kienu bħal ċimiterji mħaffrin taħt l-art.

3. L-Arċisqof ta' Malta huwa (Monsinjur Mario Grech, Monsinjur Ġużeppi Mercieca, Monsinjur Pawlu Cremona).
4. Il-Papa li bħalissa qed imexxi l-Knisja ta' Ġesù huwa (Ġwanni Pawlu t-Tieni, San Pietru, Benedittu Sittax).
5. Fit-tabernaklu nżommu l-(Ewkaristija, istatwi tal-qaddisin, Bibbja).
6. Fit-tieġ ta' Kana Ġesù biddel (l-ilma, iż-żejt, il-ġebel) f'inbid.
7. (L-Appostli, Il-Profeti, L-Anġli) għallmu l-Evanġelju u waqqfu l-Knisja fil-pajjiżi kollha.
8. Fi żmien Ġesù l-gvernatur Ruman f'Ġerusalemm kien (Ġuda, Pilatu, Ġwanni).
9. Sakemm kellu tletin sena, Ġesù kien jgħin lil missieru bħala (bidwi, mastrudaxxa, bennej).
10. Aħna l-Insara niftakru fil-jum li fih Ġesù qam mill-mewt nhar ta' (Ġimgħa, Ħadd, Tnejn). ***(10 marki)***

**<u>Taqsima 4</u>**

**<u>Aqra s-silta u wieġeb fil-qosor</u>.**

**Kienet riesqa x-xitwa meta Pawlu telaq bil-ġifen mill-Palestina għal Ruma. Hu kien sejjer biex jidher fil-qorti ta' Ruma. Huma arrestawh għax kien**

**Appostlu ta' Ġesù. Fi triqthom lejn Ruma, qamet tempesta kbira. Fuq il-ġifen kien hemm ħafna nies li beżgħu li se jegħrqu. Imma Pawlu qalilhom: "Ħbieb, tibżgħux għax ħadd mhu se jegħreq. Bil-lejl deherli anġlu u qalli li l-ġifen se jkollu jaħbat ma' gżira." Għaddew erbatax-il ġurnata f'dik it-tempesta. Fl-aħħar il-ġifen ħabat ma' blata u tfarrak mal-mewġ. F'dak il-baħar qawwi, in-nies kollha waslu l-art qawwijin u sħaħ. Kif waslu l-art saru jafu li l-gżira kien jisimha Malta. Il-Maltin laqgħuhom tajjeb ħafna u qabbdulhom ħuġġieġa biex jisħnu. San Pawl dam Malta tliet xhur.**

1. Agħti isem lil din is-silta.

   ______________________________________________________ (*marka*)

2. F'liema ktieb tal-Bibbja nsibu din l-istorja?

   ______________________________________________________ (2 *marki*)

3. Minn liema pajjiż telaq Pawlu fi triqtu lejn Ruma?

   ______________________________________________________ (2 *marki*)

4. Għalfejn Pawlu kien sejjer Ruma?

   ______________________________________________________ (2 *marki*)

5. X'ġara waqt li Pawlu kien sejjer Ruma?

   ______________________________________________________ (2 *marki*)

6. X'qallu l-anġlu lil Pawlu bil-lejl?

   ______________________________________________________ (2 *marki*)

7. Kemm-il ġurnata damu fuq il-ġifen fit-tempesta?

   ______________________________________________________ (2 *marki*)

8. X'kien jisimha l-gżira li Pawlu u sħabu waslu fuqha?

_______________________________________________ (2 *marki*)

9. Il-Maltin kif laqgħu lil Pawlu u sħabu?

_______________________________________________ (2 *marki*)

10. Kemm damu Malta San Pawl u sħabu?

_______________________________________________ (2 *marki*)

11. Għaliex aħna l-Maltin lil San Pawl insejħulu Missierna?

_______________________________________________ (2 *marki*)

12. Lil min ħalla warajh San Pawl bħala l-ewwel Isqof ta' Malta?

_______________________________________________ (2 *marki*)

***(23 marka)***

**Taqsima 5**

**Imla l-vojt bil-kelma t-tajba. Agħżel mill-kliem li hemm isfel.**

Qaddis, Qaddis, ____________________

Mulej Alla tal-________________________

Is-smewwiet u l-_________________

mimlija bil-__________________ tiegħek.

Osanna fl- __________________ tas-smewwiet.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| art | eżerċti | Qaddis | għoli | glorja |

**(*5 marki*)**

**Taqsima 6**

**Wieġeb fil-qosor fi kliemek.**



1. X'sirna meta ħadna l-Magħmudija?

    ________________________________

    ____________________________(2 *marki*)

2. X'iridna nagħmlu Alla meta qalilna 'Agħti ġieħ lil missierek u 'l ommok'?

    ________________________________ (2 *marki*)

3. Għaliex Ġesù hu r-Ragħaj it-Tajjeb?

    ________________________________ (2 *marki*)

4. Kif għenu lill-fqar l-ewwel Insara?

    ________________________________ (2 *marki*)

5. Kif għandek iġġib ruħek meta tmur il-knisja?

    ________________________________ (2 *marki*)

**(*10 mark*i)**

**Taqsima 7**

**Ikteb żewġ sentenzi fuq dawn il-personaġġi.**

Żakkew 1. ________________________________

2. ________________________________

San Pietru 1. ________________________________

2. ________________________________

Il-Madonna 1. ________________________________

2. ________________________________

San Stiefnu 1. ______________________________

2. ______________________________

Ġesù 1. ______________________________

2. ______________________________

San Ġużepp 1. ______________________________

2. ______________________________

(***12-il marka***)

**Taqsima 8**

**Bħala Nisrani/ja tajjeb/tajba, għid x'għandek tagħmel meta:**

1. Tinduna li sieħbek m'għandux ħobż x'jiekol fil-brejk.

______________________________

______________________________

2. Tinduna li tifla mill-klassi qed tkun weħidha fil-brejk.

______________________________

______________________________

3. Sieħbek qallek biex toqgħod tilgħab miegħu flok tmur il-quddiesa.

______________________________

______________________________

4. Tara raġel anzjan iġorr basket tqil.

______________________________

______________________________

5. Tkun lestejt mill-ikel u l-mamà qiegħda taħsel il-platti.

______________________________________________

______________________________________________

(*10 marki*)

## Taqsima 9

**Ikteb tliet sentenzi biex turi kif inti tista' tkun ħabib/a ta' Ġesù.**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

(*6 marki*)

**Ikteb talba lil Ġesù biex il-missjunarji jgħinu lin-nies isiru ħbieb ta' Ġesù.**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

(*4 marki*)

**TMIEM IL-KARTA**